FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 13 ta' Marzu , 2002

**Avviz Nru:45/02 PM**

**FGP Limited**

**Vs**

**Charles Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u sittax Liri Maltin (Lm216) rapprezentanti l-ammont ta' bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u servizz ossija tiswija relatata.

Nonostante li gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, anke' permezz ta' ittra ufficjali notifikata lill-konvenut fit-8 ta' Ottubru 2001, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fill-Ligi.

Ghalhekk saret  din il-kawza kontra l-ikonvenut;

Bl-ispejjes inkluz tlettax il-Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50) tal-imsemmija itrtra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja u cioe' s-6 ta' Lulju, 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat

Sema' lill-Dr.Tanya Sammut jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**